7 ta' Frar, 1953.

Imħallef :
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Micallef *versus* Brigadier John Belle Mc. Cance ne.

**Triq — Ilma tax-Xita — Danni — Servitù — Bir — Każ Fortuwitu u Forza Maġġuri — Art. 357, 440 (3), u 512 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta l-awtorità tiftaħ triq, issir akkordju taċitu, jew kważi kuntratt, mas-sidien tal-fondi latistanti, fis-sens li huma ma jiġux distur-*

*bati fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom bhala konsegwenza tat-tibdil li jsir f'dik it-triq li jista' jikkaġunalhom ħsara; u għal-hekk, jekk minħabba dak it-tibdil huma jsofru xi preġudizzju, jit-wieled fl-awtorità d-dmir li tirriżarċilhom id-danni.*

*Triq publika hija fond bħall-oħrajn; u għalhekk isiru applikabili għa-liha l-prinċipji kollha relativi għall-iskariku ta' l-ilma tax-xita.*

*Hu veru li l-proprjetarju għandu l-jedd li jgawdi u jiddisponi minn ħwejġu bil-mod l-aktar assolut; iżda hu veru wkoll li hu ma jis-tax jagħmel minn ħwejġu użu projbit mill-liġi. U billi l-liġi tiv-vjeta kull aggravament ta' servitù, jew ta' skol naturali ta' l-ilma, jew ta' skol kostruwit b'titolu, anki jekk u kieku minn dan l-iskol awmentat il-fond servent jista' jirrikava xi vantaġġ, ma jistax wieħed li għandu bir, jgħid li jista' jgħalqu meta jrid mingħajr ma jinkorri ebda responsabilità, jekk b'dak l-għeluq huwa jmur kontra dak id-divjet tal-liġi.*

*Il-konċett tal-każ fortuwitu jew forza maġġuri ma jeħħx meta għall-ħsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, pożitiv jew negativ, tal-bniedem. Skond il-prinċipji tad-dritt, biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li jkun inevita-bili, b'mod li ma jistax jiġi evitat bid-diligenza ordinarja tal-"bonus pater familias".*

*B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, fil-każ preżenti ġie ritenut li l-awtorità kienet responsabili għad-danni li sofra l-attur f'din il-kawża fil-fond tiegħu minħabba skol awmentat ta' l-ilma tax-xita, li kien dovut għal xi tibdil sostanzjali li l-awtorità kienet għamlet fit-triq.*

Il-Qorti, — Rat id-deċiżjoni ta' din l-istess Qorti diver-sament presjeduta, mogħtija fis-30 ta' Novembru 1950, fejn jinsabu r-assunti d-domandi ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u fejn il-konvenut nomine ġie dikjarat responsa-bili għad-danni sofferti mill-attur fl-okkażjoni tax-xita ta' l-20 ta' Novembru 1945; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maes-tà tar-Reġina fis-7 ta' Mejju 1951, li biha ġiet dikjarata nulla s-sentenza fuq riportata, minħabba li l-eċċezzjoni tal-pres-krizzjoni ma ġietx maqtugħa kif jitlob l-art. 731 Kodiċi Pro-ċedura Ċivili, u ġew għalhekk rinvijati l-atti tal-kawża quddiem

diem dina l-Qorti; l-ispejjeż ġew riżervati għad-deċiżjoni finali;

Rat is-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' Novembru 1951, li biha ġiet akkolta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut nomine kontra t-tielet talba, li għalhekk ġiet miċħuda bl-ispejjeż, u ġie ordnat li t-trattazzjoni titkompla in rigward ta' l-ewwel u t-tieni talba;

*Rat is-sentenza* mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Mejju 1952, li biha ġiet konfermata s-sentenza tas-17 ta' Novembru 1951;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, eliminata l-aħħar domanda in forza tal-preskrizzjoni konsakrata bis-sentenzi fuq riferiti, dina l-*Qorti ma għandhiex quddiemha ħlief* l-ewwel żewġ domandi;

Illi, kwantu għall-ewwel domanda, il-konvenut ma jikkontestax *li* xi alterazzjonijiet saru, iżda jippretendi li dawn ma kienux sostanzjali u tali li l-attur seta' sofra danni minħabba fihom; il-ħsara li *sofra kienet* dovuta għall-ilma eċċezzjonali li niżel f'dik l-okkażjoni;

Illi fin-nota tiegħu fol. 72 il-konvenut jippretendi li ma hemmx azzjoni kontra l-awtorità meta dina, fl-interess publiku, tirranġa u tasfalta t-triq, ammenokkè l-kondizzjonijiet *eżistenti ma jiġux sostanzjalment alterati;*

Illi, qabel xejn, hu xieraq li tiġi investita dina l-aħħar eċċezzjoni, *li hija ta' indoli* preġudizzjali. Meta l-Awtorità tiftaħ triq, jitwieled akkordju taċitu, jew kważi-kuntratt massidien tal-fondi latistanti, li huma ma jiġux disturbati fidtgawdija tad-drittijiet tagħhom bħala konsegwenza tat-tibdil li jsir f'dik it-triq li jista' jikkaġunalhom xi ħsara; u għalhekk, jekk minħabba dak it-tibdil huma jsofru xi preġudizzju, jitwieled fl-Awtorità d-dmir li tirriżarċilhom id-danni—*obligu dana li għandu l-fondament razzjonali* tiegħu fl-invjolabilità tad-dritt tal-proprjetà, kif ukoll fl-ekwità. Difatti, jekk *huwa veru li l-interess* publiku għandu dejjem jipprevali, huwa veru wkoll li għandha tiġi riżarċita l-ħsara lill-privat; għaliex ikun inġust li huwa waħdu jiġi sakrifikat fl-in-

teress tal-kollettività, mingħajr ma jiġi kompensat tal-ħsara li jsofri. Dana l-prinċipju, bażat fuq id-dottrina, ġie affermat minn din il-Qorti fil-kawża "Francesco Camilleri vs. Lorenzo Gatt, C.M.G., ne.", deċiża fis-17 ta' Mejju 1902 (Kollez. Vol. XVIII—II—171);

Illi, wara kollox, triq publika hija fond bħall-oħrajn, u jsiru għalhekk applikabili għaliha l-prinċipji kollha relativi għall-iskariku ta' l-ilma tax-xita (Kollez. Vol. XVIII—II—164; XXXI—I—247);

Illi konsegwentement il-preġudizzjali opposta mill-konvenut mhix sostenibili;

Illi, fil-meritu, il-konvenut jippretendi li huwa ma għandux jagħmel ix-xogħlijiet mitluba mill-attur, għaliex l-alterazzjonijiet li saru minnu ma kienux sostanzjali; iżda dina l-pretensjoni insab kontraddetta mill-provi u miċ-ċirkustanzi riżultati;

*Omissis;*

Illi minn dana jidher li l-alterazzjonijiet li saru huma sostanzjali, u li kienu huma li kkaġunaw il-preġudizzju li minnu qiegħed jilmenta l-attur;

Illi ma tiswiex l-obbjezzjoni li l-bir hu proprjetà tal-konvenut, li għalhekk seta' jagħmlu meta jrid mingħajr ma jinkorri ebda responsabilità. Veru li, skond l-art. 357 Kodiċi Civili, il-proprjetà hija l-jedd li wieħed igawdi u jiddisponi minn ħwejġu bil-mod l-aktar assolut; iżda huwa veru wkoll li hu ma jistax jagħmel minn ħwejġu użu projbit mil-liġi. Issa, hu kontra l-liġi kull aggravament ta' servitù, jew ta' skol naturali ta' l-ilma (art. 440 (3) Kodiċi Civili), jew ta' skol kostruwit b'titolu (art. 512 Kodiċi ċitat), anki jekk u kieku minn dana l-iskol awmentat il-fond serventi jista' jirrikava xi vantaġġ (Kollez. Vol. XXIV—I—408);

Illi l-konvenut jippretendi li l-ħsara kienet dovuta lill-ilma eċċessiv li niżel f'dik l-okkażjoni, u kwindi għal każ fortuwitu jew "forza maggiore", li għalihom huwa ma għandux jirrispondi quddiem il-liġi;

Illi f'dina l-materja l-konċett ta' każ fortuwitu jew "forza maggiore" ma jseħħx, meta għall-ħsara jkun ikkonkorra l-fatt pożittiv jew negattiv tal-bniedem; għaliex f'dan il-każ

ma jkunx jista' jingħad li l-ħsara hija inevitabili, u jkollha, bħala kawża diretta jew indiretta, il-fatt doluż jew kolpuż tal-bniedem. Mentri, skond il-prinċipji tad-dritt, biex ikun hemm każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, iżda hu meħtieġ li jkun inevitabili, b'mod li ma jkunx jista' jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja tal-"bonus pater familias" — ħaġa din li teżula meta, kif fuq intqal, għal dan l-avveniment jkun ikkontribwiet anki l-opra tal-bniedem (Kollez. XVIII—II—164) ;

Issa, mhux kontestat mill-konvenut li fit-triq saru xi alterazzjonijiet li, kif fuq rilevat, huma sostanzjali ; u għalhekk teżula l-pretiża irresponsabilità minnu eċċepita ;

Illi, fl-aħħarnett, mhux ta' min jinjora l-atteġġjament tal-konvenut qabel il-kawża. Skond il-perit Arthur Mortimer, allura inkarikat mill-attur, ir-rappreżentant tad-D.A.D. Hirings kien qabel miegħu dwar il-mezzi li kienu jistgħu jittieħdu biex jitnaqqsu d-danni fir-raba' ta' l-attur. Huwa kien issuġġerixxa li l-"gutter" tat-triq li jilqa' l-ilma kellu jitwal u jitnaddaf, biex l-ilma żejjed imur lejn it-triq "Tal-Mistra" — liema suġġeriment kien jidher li ġie aċċettat ; u b'hekk deher li xi responsabilità kienet ġiet rikonoxxuta mill-Awtoritajiet Militari, għalkemm in segwitu ġiet interament negata ;

Għal dawn ir-raġunijiet ;

Previja adozzjoni tal-konklużjoni peritali ;

Tirrespinġi l-eċċepita inammissibilità ta' l-azzjoni ;

U tilqa' l-ewwel u t-tieni domanda ta' l-attur, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi lill-konvenut nomine xahar żmien biex jagħmel ix-xogħol meħtieġ kif indikat mill-perit ġudizzjarju fl-imsemmija relazzjoni tiegħu ; u, jekk jonqos, tawtorizza l-attur jagħmel dak ix-xogħol a spejjeż tal-konvenut nomine ; liema xogħol għandu jsir taħt id-direzzjoni ta' l-A.I.C. James R. Cousin, li għal dana l-iskop qiegħed jiġi

formalment nominat, anki jekk huwa ġa għandu żewġ perizji, peress li n-numru ta' periti simili hu limitat;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut nomine.